



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.3.2013
COM(2013) 120 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibbiltà, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun lil hinn mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fit-30 ta' Diċembru 2011, l-Italja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'Agile S.r.l, intrapriża li topera fis-settur tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) fl-Italja.

Wara analiżi fil-fond ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2011/016
Stat Membru	L-Italja
Artikolu 2	(a)
Intrapriża primarja	Agile S.r.l.
Fornituri u produttori fl-istadju aħħari tal-produzzjoni	0
Perjodu ta' referenza	22.9.2011 – 22.12.2011
Id-data tal-bidu għas-servizzi personalizzati	15.3.2012
Id-data tal-applikazzjoni	30.12.2011
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	1 257
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	0
Total ta' sensji eliġibbli	1 257
Ħaddiema ssensjati li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri	856
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	5 458 115
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ³ (EUR)	218 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	3,84
Baġit totali (EUR)	5 676 115
Kontribuzzjoni tal-FEG (65 %) (EUR)	3 689 474

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-30 ta' Diċembru 2011 u kienet issupplimentata b'taġġir addizzjonali sat-2 ta' Ottubru 2012.
2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u kienet ippreżentata fi żmien il-perjodu stipulat ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-Italja qed issostni li, skont id-dejta disponibbli⁴, il-kriżi finanzjarja, b'mod partikolari matul il-perjodu 2008/2009, ikkontribwixxiet b'mod sinifikanti għat-tnaqqis fir-ritmu fis-settur tal-ICT. Bejn l-2005 u l-2008 is-suq tal-ICT fl-UE kiber b'rata ikbar minn 3 % fis-sena (fl-2007 –meta mqabbla mas-sena ta' qabel- kibret b'6.8 %) filwaqt li l-2009 mmarkat qalba tax-xejra bi tkabbir negattiv ta' 2.4 %. Din ix-xejra 'l isfel kompliet fl-2010 (-1 %). Is-settur tal-ICT Taljan segwa xejra simili bħal tal-UE kollha kemm hi. Madankollu, il-kriżi kellha impatt kbir fuq is-settur u t-tkabbir negattiv laħaq -4.2 % fl-2009 u -2.5 % fl-2010 meta mqabbel mas-snin preċedenti rilevanti.
4. Il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali laqtu b'mod sew lis-suq tat-teknoloġija tal-informazzjoni fl-UE. Fl-2009 il-volum tal-kummerċ naqas b'EUR 20 biljun li jirrappreżenta -5.4 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. Dan temm ix-xejra 'l fuq ta' matul il-perjodu 2005-2008 li fih il-volum tal-kummerċ żdied b'mod kostanti, u laħaq it-EUR 359 biljun fl-2008. It-tnaqqis fis-suq tal-IT laqat il-ħardwer u l-ġħajnuna teknika kif ukoll is-softwer u s-servizzi. Meta mqabbla mal-2008, is-subsetturi tal-ħardwer u l-assistenza teknika naqsu fl-2009 b'7.6 % fil-livell tal-UE u b'10 % fl-Italja, filwaqt li s-subsetturi tas-softwer u tas-servizzi naqsu b'4 % fl-UE u b'5.6 % fl-Italja.
5. Fil-valutazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni EGF/2010/012 Noord Holland ICT⁵, il-Kummissjoni diġà għamlet sqarrija dwar l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja fuq l-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-ICT. Dawk l-argumenti għadhom validi.
6. It-tnaqqis qawwi fis-settur tal-ITC fl-Italja laqat b'mod sew lil Agile S.r.l., fornitur tas-servizzi tal-IT Taljan. L-effetti tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali seħħew meta Agile kienet qed tbiddel l-istrateġija kummerċjali tagħha billi tibdel milli toffri servizzi ta' ċentru telefoniku fil-livell lokali għal servizzi tal-IT integrati fil-livell multireġjonali. F'kuntast ta' kriżi l-isforzi tal-intrapriża u l-investment meħtieġ irriżultaw li ma kinux ugwali biex jintlaħqu l-miri ta' Agile għat-tkabbir, li rriżulta f'telf qawwi u eventwalment f'insolvenza bil-konsegwenza ta' sensji.

Dimostrazzjoni tal-għadd ta' sensji u tal-konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

7. L-Italja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati mill-fornituri tagħha u mill-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni.
8. L-applikazzjoni ssemmi 1 257 sensja f'Agile S.r.l. matul il-perjodu ta' referenza mit-22 ta' Settembru 2011 sat-22 ta' Diċembru 2011. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkulati b'konformità mat-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni rċeviet il-konferma meħtieġa

⁴ Assinform – L-Assoċjazzjoni Taljana tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (www.assinform.it)

⁵ COM(2010) 685 Finali.

skont it-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(2) li dan huwa l-għadd attwali ta' sensji effettwati.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

9. Agile twaqqfet f'Jannar 2004 fi ħdan il-grupp Getronics. Ibbażata f'Potenza (Basilicata) hija offriet servizzi ta' ċentru telefoniku u kellha madwar 170 impjegat.
10. Eutelia SpA twaqqfet fl-2003 b'riżultat tal-amalgamazzjoni ta' IT Plug SpA u Edisontel SpA. Il-qofol tan-negozju ta' din il-kumpanija ġdida kienu s-servizzi tal-linji fissi u tal-internet. Fl-2006 Eutelia SpA, li kienet diġà waħda mill-aħjar ħames fornituri ta' dawn is-servizzi fl-Italja, akkwistat lil Getronics Solutions Italia SpA (sussidjarja ta' Olivetti Sistemi b'madwar 1 600 impjegat) u Bull Italia SpA (450 impjegat) bħala parti minn strateġija tal-kumpanija li tiddiversifika l-attivitajiet tagħha fis-settur tal-IT u ssir fornitur ta' servizzi integrati tal-IT (vuċi, dejta, Internet, hardwer u softwer). Fi tmiem l-2008, fil-qafas tal-allokkazzjoni mill-ġdid tal-kompiti u l-persunal fost l-impriżi tal-grupp Eutelia, l-attivitajiet tal-IT kif ukoll 1 922 impjegati ġew trasferiti lejn Agile, li kienet ikkontrollata minn Eutelia minn wara l-akkwist ta' Getronics.
11. L-awtoritajiet Taljani josservaw li Agile kienet kunfidenti dwar il-ġejjieni tagħha anke f'ċirkostanzi ta' riċessjoni ħarxa. Madankollu, ir-reċessjoni aktar profonda milli mistennija fis-settur tal-IT u l-issikkar tal-kreditu li segwew wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja –it-tnejn li huma ċirkostanzi diffiċli li jiġu mbassra- poġġew piż żejjed fuq l-intrapriża li ma setgħetx tilħaq soluzzjoni profittabbli u daħlet fi proċedimenti ta' insolvenza fl-2010.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema fil-mira tal-għajnuna

12. L-applikazzjoni tikkonċerna 1 257 sensja f'Agile S.r.l.
13. It-tqassim tal-ħaddiema mogħtija s-sensja huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Persentaġġ
Irġiel	889	70,72
Nisa	368	29,28
Ċittadini tal-UE	1 254	99,76
Ċittadini mhux tal-UE	3	0,24
Bejn il-15 u l-24 sena	1	0,08
Bejn il-25 u l-54 sena	955	75,97
Bejn il-55 u l-64 sena	300	23,87
> 64 sena	1	0,08

14. Hemm 43 ħaddiema bi problema tas-saħħa jew diżabbiltà fit-tul.

15. Fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Persentaġġ
Professjonisti	377	29,99
Tekniċi u professjonisti assoċjati	457	36,36
Skrivana	263	20,92
Ħaddiema fis-sevizzi u ħaddiema li jbiegħu fil-ħwienet u fis-swieq	160	12,73

16. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-Italja kkonfermat li għet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

Deskrizzjoni tat-territorju milqut u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

17. Is-sensji ta' Agile huma mifruxa madwar l-Italja kollha. It-territorji kkonċernati huma 12 mid-19-il reġjun Taljan: Piemonte, Lombardia, Veneto, Emilia-Romagna, Toscana, Umbria, Lazio, Campania, Puglia, Basilica u Calabria u Sqallija.
18. Il-partijiet interessati ewlenin huma l-awtoritajiet reġjonali tar-reġjuni kkonċernati⁶ kif ukoll it-trejdjunjins Federazione Impiegati e Operai Metallurgici FIOM-CGIL, Federazione Italiana Metalmeccanici FIM-CILS, Unione Italiana Lavoratori Metalmeccanici UILM-UIL, Unione General dei Lavoratori Metalmeccanici UGL-Metalmeccanici u Unione Italiana Lavoratori comunicazione UILCOM-UIL.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

19. Matul it-tliet snin mill-2008 sal-2010 ir-rata tal-qgħad fl-Italja żdiedet minn 6.8 % għal 8.5 %. Madankollu fi tmien mit-tnax il-reġjun ikkonċernat kien hemm żieda aktar mill-medja nazzjonali li tvarja minn 1.9 % għal 2.6 %. Fl-2010 ir-rati tal-qgħad urew mill-ġdid id-dikotomija tradizzjonali bejn ir-reġjuni Ċentrali u tal-Italja ta' Fuq fuq naħa waħda li r-rati ta' qgħad tagħhom huma konformi mal-medja nazzjonali u magħmula minn bejn 5 % u 9 % (eż Lombardia 5.7 %; Emilia-Romagna u Veneto 5.8 %; Piemonte 7.7 % u Lazio 9.4 %) u r-reġjuni tan-Nofsinhar fejn ir-rati tal-qgħad huma sa 6 % 'l fuq mill-medja nazzjonali (eż Calabria 12.1 %; Basilicata 13.1 %; Campania 14.2 %; u Sqallija 14.8 %). Is-sensji ta' Agile se jkomplu jiggravaw is-sitwazzjoni fraġli kurrenti tal-impjiegi, b'mod partikolari fir-reġjuni tan-Nofsinhar fejn l-opportunitajiet ta' rkupru ekonomiku huma inqas ottimisti.

⁶ Regione Emilia-Romagna – Direzione Regionale Cultura, Formazione e Lavoro – Servizio Lavoro, Regione Lazio – Direzione Regionale Formazione e Lavoro – Dipartimento Programmazione Economica e Sociale, Regione Lombardia – Direzione Generale Occupazione e Politiche del Lavoro – Unità organizzativa Lavoro – Struttura Tutela del lavoro e interventi per il reimpiego, Regione Piemonte – Direzione Istruzione, Formazione Professionale e Lavoro - Settore Politiche per l'Occupazione e per la Promozione dello Sviluppo Locale, Regione Siciliana – Assessorato Regionale della Famiglia, delle Politiche Sociali e del Lavoro – Dipartimento Lavoro; Regione Toscana – Direzione Generale Competitività del Sistema Regionale e Sviluppo delle Competenze – Settore Lavoro, Regione Umbria – Direzione Regionale Programmazione, Innovazione e Competitività dell'Umbria – Ambito di Coordinamento: Imprese e Lavoro u Regione Veneto – Direzione Lavoro.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u t-tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

20. Il-miżuri kollha li ġejjin jinġabru flimkien biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirat biex jintegra mill-ġdid il-ħaddiema fis-suq tax-xogħol:
- Gwida okkupazzjonali u valutazzjoni tal-ħiliet: Dan jinkludi serje ta' intervisti strutturati u strumenti mmirati bħal analiżi tal-ħiliet u l-profil tal-impjegabilità biex jiġu identifikati oqsma fejn il-ħaddiema jistgħu jtejjbu l-ħiliet tagħhom u jiġu appoġġjati fid-definizzjoni tal-għanijiet tax-xogħol tagħhom. Permezz tal-evalwazzjoni tal-ħiliet il-ħaddiema se jiġu meġġuna biex jidentifikaw il-ħiliet u l-opportunitajiet tagħhom relatati mal-interessi tagħhom stess u biex jistabilixxu pjan realistiku għall-karriera tagħhom. Il-ħaddiem u l-konsulent jaħdmu fuq kwistjonijiet bħall-opportunitajiet, l-interessi, l-analiżi tal-motivazzjonijiet u l-aspettattivi. Wara li jsiru dawn il-valutazzjonijiet, titfassal karta sommarju li telenka fil-qosor il-ħiliet tal-ħaddiem, il-proġetti individwali tiegħu/tagħha u pjan ta' azzjoni. Din il-miżura se tkun disponibbli għall-ħaddiema kollha. Madankollu, peress li r-regġuni ta' Sqallija u tal-Piemonte se jużaw riżorsi oħra minflok il-kofinanzjament tal-FEG biex jiffinanzjaw l-ispiża relatata ma' din il-miżura u sabiex ma tfixkilx l-ispiża medja għal kull ħaddiem, il-ħaddiema li kienu jaħdmu ma' Agile u li jgħixu f'dawn iż-żewġ regġun mhumiex inklużi bħala ħaddiema fil-mira għal din il-miżura partikolari fit-tabella finanzjarja.
 - Servizzi li jakkumpanjawhom: Dawn jinvolvu t-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' appoġġ personalizzat, inkluż coaching. Il-ħaddiema se jirċievu taħlita ta' miżuri fil-pakketti rispettivi tagħhom skont il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom. Il-proċess ta' coaching, tul l-implimentazzjoni tal-FEG, se jiżgura li l-pakketti jkunu jistgħu jiġu aġġustati jekk ikun hemm bżonn.
 - Għajnuna għar-rikollokament u għat-tfittix ta' impjieġ: Dan jinkludi l-iżvilupp ta' strateġija personalizzata ta' awtopromozzjoni u ta' azzjonijiet għal tfittix ta' xogħol inkluża r-riċerka tal-opportunitajiet ta' xogħol lokali u reġjonali. Il-ħaddiema huma meġġuna biex japplikaw għall-impjieġi ma' kumpaniji interessati u huma appoġġjati waqt il-proċess tal-għażla. Biex ikunu meġġuna jieħdu offerti ta' xogħol ma' ditti rilevanti il-ħaddiema se jirċievu taħriġ speċifiku, jekk meħtieġ.
 - Taħriġ vokazzjonali u aġġornament tal-ħiliet: Il-ħaddiema bis-sensja se jiġu proposti varjetà ta' taħriġ vokazzjonali jew vawċers ta' taħriġ ta' medja ta' EUR 2 100 biex jintefqu fuq it-taħriġ tagħhom. Il-vawċer jista' jintefaq f'istituzzjoni ta' taħriġ ikkwalifikata, f'kumpanija fejn il-ħaddiem bis-sensja jkun qed jingħata taħriġ mill-ġdid wara li jkun impjegat jew f'kumpanija li tipprovdi taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Il-ħaddiem jiddeċiedi dwar kif għandu jonfoq il-vawċer ta' taħriġ, li huwa marbut strettament mal-pjan individwali ta' impjegar mill-ġdid tal-ħaddiem.
 - Edukazzjoni postgradwatorja: Dawk il-ħaddiema li jixtiequ jlestu l-kwalifiki ta' livell terzjarju tagħhom b'kors postgradwatorju se jirċievu kontribuzzjoni ta' EUR 6 000 immirati għall-ħlas komplut/parzjali ta' kors postgradwatorju.

- Promozzjoni tal-intraprenditorija: Dan jinkludi taħriġ u/jew l-appoġġ ta' coaching fl-ippjanar ta' attivitajiet ġodda tan-negozju għal ħaddiema b'ideat intraprenditorjali li ngħataw is-sensja. L-attivitajiet ta' taħriġ speċifiċi għal dawk il-ħaddiema li jixtiequ jibdeu negozju għalihom se jkopru elementi bħall-ippjanar, studji ta' fattibilità, preparazzjoni ta' pjanijiet ta' negozju u kif jinġiebu l-finanzjamenti.
- Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju: Il-ħaddiema li jifflu n-negozju tagħhom se jirċievu sa EUR 5 000 li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-bidu.
- Mentoring wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg: Se jkun hemm mentors li jiggwidaw lill-ħaddiema biex jintegraw mill-ġdid fl-impjieg u dan biex jiġu evitati problemi li jistgħu jinqalgħu f'impjiegi ġodda u biex il-ħaddiema jsaħħu l-impjiegi tagħhom.
- Benefiċċju ta' għoti ta' impjieg: Dan il-pagament jibbenefika lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja billi jiffaċilita l-impjieg mill-ġdid tagħhom taħt kuntratti b'terminu fiss jew permanenti f'kumpanija differenti. Il-kumpanija li timpjega se tirċievi EUR 2 000 għal kull ħaddiem għall-impjieg mill-ġdid taħt kuntratti b'terminu fiss ta' mill-inqas 12-il xahar u sa EUR 6 300 għal kull ħaddiem għal impjieg mill-ġdid taħt kuntratti permanenti). L-ammont inizjali pprovdut għal impjieg mill-ġdid taħt kuntratti permanenti ser jiżdied b'EUR 3 000 euro meta jsir reklutaġġ ta' ħaddiem b'diżabbiltà.
- Il-kontribuzzjonijiet lejn l-ispejjeż speċjali: Dan jinkludi żewġ tipi ta' kontribuzzjonijiet (1) Kontribuzzjoni għal dawk li jieħdu ħsieb lil persuni dipendenti: Ħaddiema li għandhom persuni dipendenti (tfal, anzjani jew persuni b'diżabbiltà) jistgħu jirċievu sa EUR 1 000 bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż għal dawk li jieħdu ħsieb lil persuni dipendenti, b'kundizzjoni li jipparteċipaw f'dawn il-miżuri. Dan għandu l-għan li jkopri l-ispejjeż addizzjonali li jkollhom il-ħaddiema li għandhom responsabilitajiet ta' kura sabiex ikunu disponibbli għat-taħriġ jew miżuri oħrajn. (2) Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar: Bħala kontribut għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom, il-ħaddiema li jipparteċipaw fil-miżuri se jkollhom l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom mogħtija lura jew se jirċievu somma f'daqqa li tvarja minn EUR 150 sa EUR 1 000 skont id-distanza tal-ivvjaġġar u n-numru ta' ġranet ta' parteċipazzjoni f'dawn il-miżuri.
- Konċessjoni għat-tfittix ta' impjieg: Il-ħaddiema li jipparteċipaw b'mod attiv fil-miżuri tal-FEG se jirċievu konċessjoni għat-tfittix ta' impjieg ta' kull xahar ta' EUR 500 bħala medja. Il-konċessjoni se tiġi kkalkulata pro rata bbażata fuq il-ġranet ta' parteċipazzjoni tal-ħaddiem.
- Kontribuzzjoni għall-ispejjeż relatati ma' bidla fir-residenza: Dawk il-ħaddiema li jaċċettaw impjieg li jinvolvi tibdil ta' residenza se jirċievu kontribuzzjoni sa EUR 4 000 biex ikopru n-nefqa neċessarja. Il-konċessjoni se titħallas bħala kontribuzzjoni ta' darba meta tiġi ppreżentata prova tan-nefqa mġarrba.

21. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inkluża fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri l-attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni u ta' kontroll kif ukoll l-informazzjoni u l-pubbliċità.

22. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli ddefiniti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Taljani jistmaw li l-ispejjeż totali huma EUR 5 676 115, li minnhom EUR 5 458 115 huma nefqa għas-servizzi personalizzati, u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 218 000 (3.84 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 3 689 474 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	In-numru stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (EUR)*	L-ispejjeż totali (il-FEG u l- kofinanzjament nazzjonali) (EUR)**
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Gwida okkupazzjonali u valutazzjoni tal-ħiliet (<i>Orientamento professionale e bilancio delle competenze</i>)	613	470	288 232
Servizzi li jakkumpanjawhom (<i>Servizi di accompagnamento</i>)	282	351	98 982
Rikollokament u għajnuna għat-tfittix ta' impjieg (<i>Outplacement e assistenza alla ricerca attiva</i>)	815	655	534 115
Taħriġ vokazzjonali u aġġornament tal-ħiliet (<i>Voucher formativo / formazione professionalizzante</i>)	839	2 171	1 821 488
Edukazzjoni postgradwatorja (<i>Voucher fruizione di master</i>)	15	6 000	90 000
Promozzjoni tal-intraprenditorija (<i>Assistenza all'autoimprenditorialità</i>)	319	421	134 200
Kontribuzzjoni għall-bidu ta' negozju (<i>Bonus per la creazione di impresa</i>)	17	5 000	85 000
Mentoraġġ wara l-integrazzjoni mill-ġdid fl- impjieg (<i>accompagnamento al lavoro</i>)	282	264	74 448
Benefiċċju ta' għoti ta' impjieg (<i>Incentivo all'assunzione</i>)	123	5 724	704 000
Il-kontribuzzjonijiet lejn l-ispejjeż speċjali (<i>Voucher di conciliazione</i>)	159	815	129 650
Konċessjoni għat-tfittix ta' impjieg (<i>indennità per la ricerca attiva</i>)	773	1 894	1 464 000
Kontribuzzjoni għall-ispejjeż għat-tibdil tar- residenza (<i>Bonus per la mobilità territoriale</i>)	9	3 778	34 000
Subtotal tas-servizzi personalizzati			5 458 115

Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)		
Attivitajiet preparatorji		21 800
Ġestjoni		94 200
Informazzjoni u pubbliċità		30 000
Attivitajiet ta' kontroll		72 000
Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG		218 000
Total tal-ispejjeż stmati		5 676 115
Kontribuzzjoni tal-FEG (65 % tal-ispejjeż totali)		3 689 474

(*) Biex jiġu evitati d-deċimali l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem ġew imqarrba. Madankollu t-tqarrib ma għandu l-ebda impatt fuq l-ispiża totali ta' kull miżura li jifdal bħal fl-applikazzjoni mressqa mill-Italja.

(**) It-total ma jaqbilx minħabba li ċ-ċifri huma mqarrba.

23. L-Italja tikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq jikkomplimentaw l-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li mhux se jitħalla jsir ifffinanzjar doppju.

Id-data/i meta nb dew jew meta huwa maħsub li jinb dew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati

24. L-Italja bdiet is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati li huma inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament fil-15 ta' Marzu 2012. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajnunha li tista' tingħata mill-FEG.

Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

25. Kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, id-diskussjonijiet mat-trejdjunjins imsemmija fil-paragrafu 18 rigward il-ġestjoni tal-proċedura tal-amministrazzjoni straordinarja saru fil-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku.
26. Bħala awtorità ta' ġestjoni il-Ministeru tax-Xogħol ippromwova l-użu tal-FEG għat-tisħiħ tal-miżuri tal-politika attiva fis-suq tax-xogħol (ALMP) li huma diġà fis-seħħ. Il-preżentazzjonijiet dwar il-kriterji għal aċċess għall-FEG u l-opportunitajiet għall-ħaddiema li jistgħu jibbenefikaw saru fis-26 ta' Ottubru 2011 u fl-24 ta' Novembru 2011. Fiż-żewġ laqgħat l-idea ta' applikazzjoni għall-appoġġ mill-FEG kienet kondiviża sew fost it-trejdjunjins. Biex il-ħaddiema li nġhataw is-sensja jiġu appoġġjati b'miżuri mfassla apposta li jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali tagħhom, l-involvement tat-trejdjunjins, b'mod partikulari fil-livell lokali, wera li kien element ewlieni matul il-fażi ta' ppjanar. F'dan ir-rigward saru żewġ laqgħat fil-livell nazzjonali fil-21 ta' Jannar 2012 u d-29 ta' Mejju 2012 fil-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku u saret laqgħa teknika fit-12 ta' April 2012 fil-Ministeru tax-Xogħol.

27. L-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u f'dik tal-UE dwar is-sensji kollettivi.

Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

28. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Taljani fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
 - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ lil ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajjnuna minn strumenti finanzjarji oħra.

Ġestjoni u sistemi ta' kontroll

29. L-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita kif ġej: Il-Ministerio del lavoro e delle politiche sociali – Direzione Generale per le Politiche attive e Passive del lavoro (MLPS – DG PAPL) huwa l-awtorità ta' ġestjoni, ta' ċertifikazzjoni u ta' awditjar (MLPS – DG PAPL Ufficio A bħala l-awtorità ta' ġestjoni; MLPS – DG PAPL Ufficio B bħala l-awtorità ta' ċertifikazzjoni u MLPS – DG PAPL Ufficio C bħala l-awtorità tal-awditjar). Tmien awtoritajiet reġjonali (jiġifieri Emilia-Romagna, Lazio, Lombardia, Piemonte, Toscana, Umbria, Veneto u Sqallija.) se jkunu l-entitajiet intermedjarji għall-awtorità ta' ġestjoni.

Finanzjament

30. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mill-Italja, il-kontribut propost mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) huwa ta' EUR 3 689 474, li jirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni proposta mill-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq it-tagħrif li nġhatat mill-Italja.
31. Filwaqt li tqis l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-allokkazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
32. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex jiġi allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
33. Permezz tal-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qed tibda l-proċedura ssemplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bl-għan li tiżgura l-qbil

taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta tal-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.

34. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit tal-2013 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi ta' impenn, kif mitlub fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet ta' pagament

35. Se jintużaw approprjazzjonijiet mil-linja baġitarja tal-FEG biex ikopru l-ammont ta' EUR 3 689 474 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/016 IT/Agile mill-Italja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba⁷, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea⁹,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Agile S.r.l, fit-30 ta' Diċembru 2011 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sat-2 ta' Ottubru 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif inhu stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 3 689 474.

⁷ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁸ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁹ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Italja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 3 689 474 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill,
Il-President